MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Numru. 258/2003

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**
**vs**
**Eleno sive Lino Bezzina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni tal-20 ta’ Marzu, 2003 migjuba kontra **Eleno sive Lino Bezzina** ta’ 38 sena, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Gunju, 1964, iben Joseph u Mary nee’ Azzopardi, residenti Redentur No. 10, Triq Emanuel Attard, Santa Venera u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 427664(M);

Talli fis-16 t’April, 1998 b’diversi atti maghmulin f’zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda matul l-ahhar granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi,

Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta’ l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, zmien, hin u cirkostanzi b’diversi atti maghmulin f’zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jwe ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu;

Talli fis-17 t’April, 1998 u fil-granet ta’ qabel din id-data ikkonsenja xi medicini specifikati u psikotropika lill-persuni

ohra li ma kienux spizjara, dirigenti jew li ma kienux xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina, bi ksur tal-Artikolu 10(2) tal-Avviz legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emmendat u 35B u 89A u t-tielet skeda ta' Ordinanza dwar il-professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitoli 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Att V ta' l-1985 kif emmendat;

Ukoll talli bejn il-15 u 17 t'April, 1998 b'diversi atti maghmulin f'zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda falsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li kienu falsifikati u cioe' liri Maltin u dan bi ksur ta' l-artikolu 45 tal-kap 204 tal-ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess data, zmien, hin u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minn ghand xi persuni jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati u cioe' liri Maltin skond l-artikolu 46 tal-kap 204 tal-ligijiet ta' Malta.

U talli sar recediv fit-terminu ta' art 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, tal-25 ta' Marzu, 1998 Awla 1 u l-24 ta' Marzu, 1995 Awla 2, liema sentenzi saru defenitivi u ma jistghux jinbiddlu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tas-17 ta' Awissu 1998 skond il-Kap 101 u dik tal-istess data skond il-Kap 31 sabiex ll-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti taz-zewg Ordinanzi;

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tat-22 ta' Mejju 2006 skond il-Kap 101 u dik tal-istess data skond il-Kap 31 sabiex l-imputat ikun processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tat-22 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli tal-Kap 9, 45(1) u 46 Kap 204, 49, 50 u 533 tal-Kap 9;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2008, l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2011 inqara r-rinviju tal-gudizzju u l-imputat iddikjara li ma kellu ebda oggezzjoni li l-kawza tieghu tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Dicembru, 2011 l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Marzu 2003 wara incident li kien sehh f'April tas-sena 1998 fejn certu John Attard kien iddahhal l-isptar b'overdoze ta' droga eroina u *valium*. Wara li kien mitkellem mill-Pulizija, Attard kien zvela li kien jixtri d-droga eroina ghan-nom ta' persuna li kien jafha bhala x-Xalun minn Hal-Qormi. Ta' dan kien jinghata kumpens fil-forma ta' droga biex ikun jista' jinqeda hu stess. Attard kien jixtri d-droga bil-flus li kien jaghtih dan ix-Xalun u l-Pulizija kienu sabu fuq il-persuna tieghu erba karti tal-ghoxrin lira maltin li kienu foloz u hu insista li dawk kienu l-istess flus li kien tah dan ix-xalun. Il-Pulizija tkellment ukoll mal-imputat li kien cahad u nnega dawn l-allegazzjonijiet. Il-Pulizija intraccat

ukoll lill-persuna minghand min kien xtara Attard ghan-nom tal-imputat, jigifieri certu Jesmond Aquilina, u fuq il-persuna tieghu sabu erba karti tal-ghoxrin liri maltin foloz li allegatament kien hallas bihom Attard. Fir-residenza ta' Aquilina instab flixkun tal-plastic bil-pilloli tal-*valium* fih. Il-prosekuzzjoni ziedet tghid illi kien hemm inkontri bejn Aquilina u certu Trevor Camilleri u Ludvic Bugeja [minkejja li kultant ssir riferenza ghall-Caruana] fejn sehh kambju ta' flus u droga izda id-deposizzjoni tax-xhud dwar dan l-aspett hija skjetta hafna;

L-imputat kien intercettat fis-16 t'April 1998 mill-Pulizija ta' Hal Qormi wara informazzjoni anonima illi persuni kienu qed jabbuzaw bid-droga gewwa kantina ta' garage fi Triq San Frangisk, Hal Qormi. Fl-istess kantina kien hemm mal-art bicciet ta' *foil*, romblu ta' *foil* , kaxxa sulfarini u zewgt iflixken ilma. Tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u fil-vettura tieghu ma taw ebda rizultat u meta mistoqsi mill-Pulizija x'kien qed jaghmel hemm huwa wiegeb li kien qed jaghmel il-bzonnijiet naturali tieghu. B'hekk jemergi illi Joseph Attard huwa l-unika raguni ghaliex l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu. Issa, kwantu jolqot l-akkuzi koncernanti l-pussess u traffikar ta' droga u medici perikoluzi, persuna tista' titressaq u fil-fatt tinstab hatja ta' rejati kontra z-zewg ordinanzi fuq ix-xhieda ta' persuna ohra wahedha. Dan huwa pacifikament assodat fil-gurisprudenza in materja u per ezemplari tista' ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Mercieca** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 t'Awissu 2008. Appropozitu ta' din is-sentenza, il-fatti specie taz-zewg kawzi huma simili hafna bid-differenza illi fil-kawza kontra Mercieca kien hemm fatti materjali li stabilew dak in-ness neccessarju bejn l-imptuat u l-akkuzi apparti d-denunzja maghmula mill-*user* li spiccat ukoll l-isptar b'*b'overdoze* ta' droga supplita mill-imputat f'dik il-kawza;

Fil-kawza odjerna, l-prosekuzzjoni qed tistrieh fuq aspett singolari, jigifieri, l-informazzjoni moghtija minn Joseph Attard wara l-esperjenza li kellu tal-*overdoze.* Meta xehed quddiem din il-Qorti, Attard qal li ma kienx jaf lill-imputat hlief meta ltaqa' mieghu il-habs waqt li kien qed jiskonta

piena ta’ prigunerija u ma jafx x’inhu il-laqam tieghu. Wara li inqratlu l-istqarrija tieghu li kienet tifforma parti minn proceduri kriminali kontra tieghu, ix-xhud wiegeb illi l-imputat ma kienx il-persuna li kellu x’jaqsam maghha dik il-gurnata meta xtara d-droga bi flus foloz. Ezaminati l-atti processwali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Attard deciza fil-5 ta’ Frar 2001, jirrizulta illi l-imputat, jigifieri ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni fil-kawza odjerna, dejjem irrefera ghall-persuna li ghaliha kien xtara d-droga bil-laqam taghha “Ix-Xalun” u kien iddikjara li ma kienx jaf x’jismu. Issa, quddiem din il-Qorti, dan ix-xhud jghid illi l-imputat ma kienx il-persuna li kellu x’jaqsam maghha l-lejl ta’ qabel meta allura kien mar jixtri d-droga ghaliha bi flus foloz;

Ludwig Bugeja mressaq biex jiddeponi ghalkemm jikkonferma li jaf lil Joseph Attard, jilmenta li kien akkuzat fuq trafikkar u pussess ta’ droga meta ma kien instab xejn fuqu. Huwa ghazel illi jaghmel uzu mill-fakolta koncessa lilu mil-ligi meta ma wiegibx ghal aktar domandi jekk bi twegiba setgha jinkrimina ruhu. Trevor Camilleri ukoll ghamel uzu minn din il-fakolta meta mistoqsi dwar flus foloz u min hi l-persuna li setgha ltaqa’ maghha ftit jiem qabel in konnessjoni ma’ dawk il-flus;

Meta l-Qorti fliet l-atti processwali ghal diversi drabi rrizultalha illi l-provi mressqa ma joholqu ebda ness bejn l-fatti u l-imputat u bid-dikjarazzjoni tax-xhud prinicpali illi l-imputat ma kienx il-persuna li kien alluda ghaliha meta ghamel stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti, din il-Qorti certament ma tistax tkun konvinta bil-mod kif verament sehhew l-affarijiet. Ghalhekk kwantu ghall-akkuzi rigwardanti l-ksur tal-Ordinanzi Kap 101 u Kap 31, din il-Qorti ma ssibx htija fl-imputat;

L-istess konsiderazzjonijet ghandhom japplikaw ghar-rigward tal-akkuzi li jirravizaw ksur tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn l-imputat huwa rinfacjat b’falsifikazzjoni ta’ flus u pussess ta’ flus falsifikati. Fil-konfront ta’ persuni ohra l-informazzjoni li kien ta Joseph Attard kienet waslet ghall-investigazzjoni b’success dwar persuni ohra li inqabdu bi droga u pilloli psikotropici kif ukoll b’biljetti ta’

flus falsifikati. Il-konkluzzjoni tal-Pulizija, izda, illi x-Xalun huwa l-imputat, ma kellhiex l-istess rizultati, bil-konsegwenza illi ma setghet tipprova ebda konnessjoni bejn l-imputat odjern u l-flus falsifikati;

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------